**QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA**

**IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors numru 99/2006**

**Joseph u Rose konjuġi Valletta**

**vs**

**Joseph Borg u Alfred C. Borg**
**u b'diġriet tas-7 ta' Diċembru 2007 ġiet imsejħa fil-kawża**
**H.F. Investments Limited**

1. Permezz ta' rikors maħluf preżentat fit-8 ta' Frar 2006, l-atturi ppremettew u talbu:-

> *'1. Illi l-atturi jabitaw fil-fond numru hamsa u tletin ittra 'A' (35A), Triq Sant' Anna, Tarxien;*
>
> *2. Illi l-konvenuti ghamlu u/jew ikkommissjonaw xoghol ta' thaffir, tqattiegh, skavar u zvilupp gewwa proprjeta'/sit li tinsab fi Triq il-Kbira, Tarxien liema proprjeta'/sit tinsab ftit metri 'l boghod mid-dar residenzjali tal-atturi;*
>
> *3. Illi x-xoghol ta' tqattiegh, thaffir u skavar fuq imsemmi kien jikkonsisti f'tqattiegh, thaffir u skavar ta' circa hames (5) sulari blat taht il-livell tat-triq;*
>
> *4. Illi x-xogholijiet intraprizi u/jew ikkommissjonati mill-konvenuti kkawzaw hsarat u danni strutturali fid-dar residenzjali tal-atturi kif certifikat mill-Perit Godwin J. Aquilina (Dok. 'C') u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*5. Illi per konsegwenza tax-xoghlijiet intraprizi u/jew ikkommissjonati mill-konvenuti, gew ikkawzati hsarat u danni mhux biss fil-proprjeta' tal-atturi izda wkoll fil-proprjetajiet ta' terzi li huma adjacenti u kif ukoll retroposti u kif ukoll sottostanti d-dar residenzjali tal-atturi;*

*6. Illi l-atturi skoprew parzjalment il-hsarat u d-danni minnhom sofferti meta fil-bidu ta' Marzu tas-sena 2004 ipperkola l-ilma fil-fond sottostanti l-proprjeta' tal-atturi u sussegwentement zvillupaw hsarat ulterjuri fil-fond tal-atturi;*

*7. Illi l-atturi kkuntatjaw lil Perit Godwin J. Aquilina sabiex jikkonstata l-hsarat u d-danni minnhom sofferti;*

*8. Illi l-atturi ltaqghu wkoll mal-Perit Sammut, il-Perit indikat mill-konvenuti, liema Perit spezzjona d-dar residenzjali tal-atturi;*

*9. Illi l-konvenuti nonostante li gew diversi drabi interpellati u mwissija dwar il-hsarat u d-danni sofferti mill-atturi u nonostante li gew mitluba diversi drabi sabiex jaghmlu l-hlas u/jew riparazzjonijiet necessarji ghar-ripristinar tad-dar residenzjali tal-atturi, liema interpellazzjoni saret diversi drabi verbalment u kif ukoll permezz ta' ittra ufficcjali datata 15 ta' Settembru 2005, nonostante dan baqghu inadempjenti;*

*10. Illi dawn il-fatti huma a diretta konoxxenza tal-attrici Rose Valletta.*

*Ghaldaqstant, a bazi tar-ragunijiet fuq premessi l-atturi jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

*1. Tiddikjara okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi li l-atturi soffrew hsarat u danni gewwa d-dar residenzjali taghhom bhala rizultat tax-xogholijiet ta' thaffir, tqattiegh, skavar u zvilupp intrapriz u/jew ikkommissjonat mill-konvenuti gewwa 'l proprjeta'/sit li tinsab fi Triq il-Kbira, Tarxien;*

*2. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat u d-danni sofferti mill-atturi fid-dar residenzjali taghhom;*

*3. Tillikwida l-hsarat u d-danni sofferti mill-atturi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*4. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jsewwu l-hsarat ikkagonati taht sorveljanza ta' perit li jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu l-istess tiswijiet taht is-sorveljanza tal-istess perit a spejjez tal-konvenuti, jew alternattivament tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi l-hsarat u d-danni kif llikwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali datata 15 ta' Settembru 2005 kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.*

2. Permezz ta' risposta ġuramentata ppreżentata fil-11 ta' Awissu 2006 il-konvenuti wieġbu[1] illi:

*'1. Illi l-konvenuti Joseph Borg u Alfred C. Borg ma humiex il-legittimi kontradittturi ta' l-atturi konjugi Valletta stante', li la huma sidien tal-proprieta' sitwata fi Triq il-Kbira, Tarxien, li ghaliha jaghmlu referenza l-atturi konjugi Valletta fir-Rikors Guramentat taghhom, u lanqas ma intraprendew u/jew ikkummissjonaw xogholijiet ta' thaffir, tqattiegh, skavar u zvilupp fl-imsemmija proprieta', u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*Ghaldaqstant, il-konvenuti Joseph Borg u Alfred C. Borg ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-giudizzju, bl-ispejjez kontra l-atturi konjugi Valletta.'*

3. Permezz ta' digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2007, il-Qorti laqgħet it-talba attriċi għall-kjamata in kawża tal-kumpannija H.F. Investments Limited;[2]

4. Permezz ta' risposta maħlufa ippreżentata fid-9 ta' Mejju 2008, il-kumpannija kjamata fil-kawża wieġbet:

*'Illi t-talbiet ta' l-atturi konjugi Valletta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom, stante' li s-socjeta' kjamata fil-kawza ma kkawzat ebda hsara u danni fil-fond residenzjali taghhom bix-xogholijiet ta' thaffir, tqattiegh, skavar u kostruzzjoni esegwiti fis-sit proprieta' taghha sitwat fi Triq il-Kbira, Tarxien, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, id-danni mitluba mill-atturi konjugi Velletta huma ferm esagerati.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'*

5. Fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2014[3] il-partijiet iddikjara illi għandha l-ewwel tingħata sentenza dwar jekk il-konvenuti humiex responsabbli għad-danni u, fl-affermattiv, jekk il-konvenuti humiex responsabbli għad-danni kollha

[1] Fol. 78 *et seq.*
[2] Fol. 165.
[3] Fol. 617.

li qegħdin jallegaw l-atturi jew limitatament għal dawk li rrefera għalihom il-perit tekniku;

6. B' sentenza mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2016: (i) intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti Borg li mhumiex leġittimi kontradditturi; (ii) dwar ir-responsabbiltà, filwaqt li ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-kumpannija msejħa fil-kawża, intlaqgħet l-ewwel talba tal-atturi; (iii) dwar id-danni intlaqgħet l-eċċezzjoni tal-istess kumpannija li d-danni huma eżagerati, b'dan illi d-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom huma dawk li semma l-perit Mario Cassar fin-nota li ppreżenta fid-19 ta' Diċembru 2013. Għalhekk, ordnat lill-istess perit tekniku sabiex f'dak l-istadju jillikwida d-danni.

7. Il-Qorti rat l-atti, inkluż ir-relazzjoni maħlufa mill-perit Mario Cassar fit-8 ta' Ottubru 2020, il-provi li ressqu l-atturi u s-sottomissjonijiet li għamlu[4], ir-rapport tal-periti addizzjonali maħluf fit-12 ta' Marzu 2021[5] u t-tweġibiet in eskussjoni tal-istess periti fuq domandi tal-atturi.

8. L-imsejħa fil-kawża m'għamlet xejn u ħadd ma kien qiegħed jidher għaliha.

[4] Fol. 686 *et seq*.
[5] Fol. 711 *et seq*.

Konsiderazzjonijiet.

9. Kif rajna wara s-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2016 kull ma fadal hu l-likwidazzjoni tad-danni. Fil-parti dispożittiva ta' dik is-sentenza jingħad:

> *"3. Dwar id-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-imsejħa fil-kawża, tilqa' l-eċċezzjoni tal-istess kumpannija li d-danni li jippretendu l-atturi huma eżaġerati. Għaldaqstant, tiddikjara li d-danni li għandha tagħmel tajjeb għalihom l-imsejħa fil-kawża, huma dawk li ddikjara l-perit Mario Cassar fin-nota li ppreżenta fid-19 ta' Diċembru 2013".*

10. F'dik in-nota l-perit Cassar qal li d-danni huma:[6]

i. il-ħsara kkaġunata fil-madum tal-kċina;

ii. xquq fil-fili tal-madum; u

iii. tfarfir taż-żebgħa mis-soqfa tax-xorok.

11. Skont ir-relazzjoni maħlufa mill-Perit Mario Cassar fit-8 ta' Ottubru 2020[7], dawn id-danni jammontaw għas-somma komplessiva ta' €4,350, liema somma tirrappreżenta: (i) €2,000 sabiex jinqala' u jinbidel il-madum tal-kċina, inkluż il-madum u x-xogħol ta' tqegħid u spustjar tal-għamara; (ii) €850 biex jitranġaw xi xquq u fili fil-madum, liema somma tinkludi l-istukkjar tal-madum u l-għorik; u (iii) €1,500 għall-istukkjar u ż-żebgħa mas-soqfa tax-xorok illi farfru.

[6] Fol. 520 *et seq*.
[7] Fol. 701 *et seq*.

12. Fin-nota ta' sottomissjonijiet[8] l-atturi argumentaw li d-danni huma €24,379.69. Din is-somma tirrapreżenta:

i. €12,104.79 danni li semma l-perit tekniku fin-nota tad-19 ta' Diċembru 2013;

ii. €12,117.66 għal l-ħsara li skont l-atturi waqt l-eskussjoni l-perit tekniku qal li *"..... għandha tinkludi wkoll dik il-ħsara imsemmija u ikkonfermata ....... liema eskussjoni hija relattiva u anċillari għan-nota tal-perit tekniku u li għalhekk hija estensjoni tal-istess rapport, stante li l-eskussjoni saret minn din in-nota tal-istess Perit Tekniku".* F'dan ir-rigward inkludew dawn ix-xogħlijiet:

ii.a. ħsarat fix-xorok;

ii.b. ħsarat fil-pajpijiet tal-ilma; u

ii.ċ. ħsara fis-saqaf tal-proprjetà tal-atturi li ġiet aċċellerata bl-iskavar; u

iii. €157.24 spejjeż għal *high up crane* u servizz ta' warden.

13. Fuq talba tal-atturi[9], il-Qorti ħatret periti addizzjonali sabiex jirrelataw dwar l-istess likwidazzjoni.[10] Fir-rapport spjegaw li d-danni li sofrew l-atturi huma dawk li jissemmew f'Dok A' mehmuż mar-rapport fl-ammont ta'

[8] Fol. 686 et seq.
[9] Fol. 698-9.
[10] Fol. 700.

€10,089.92. Żiedu li dak li jingħad fit-tabella hu '*dak li huma deherilhom kien verament attribwibbli għax-xogħlijiet ta' skavar fis-sit tal-konvenuti'.*[11]

14. Sabiex wieħed ikollu stampa ċara tad-danni li ġew likwidati u d-diskrepanzi li hemm bejn dak li jippretendu l-atturi, ir-rapport tal-ewwel perit tekniku u dak tal-periti addizzjonali, il-qorti tagħmel referenza għal din it-tabella:

| | **Tip ta' Ħsara** | **Danni Pretiżi mill-Atturi** | **Danni Dovuti Skont il-Perit Mario Cassar** | **Danni Dovuti Skont il-Periti Addizzjonali** |
|---|---|---|---|---|
| a | Ħsara fil-madum tal-kċina | €2,558 Għall-madum tal-ħajt tal-kċina u għat-tqegħid tal-madum tal-kċina u kif ukoll għall-kmamar tal-banju u għall-madum tal-art | €2,000 sabiex jinqala' u jinbidel il-madum tal-kċina, inkluż il-madum u x-xogħol ta' tqegħid u spustjar tal-għamara | €2,558 Għall-madum tal-ħajt tal-kċina u għat-tqegħid tal-madum tal-kċina u kif ukoll għall-kmamar tal-banju u għall-madum tal-art |
| b | Xquq fil-fili tal-madum | €5,520.68 Qlugħ ta' madum u akkwist ta' madum u installazzjoni fil-kumplament tad-dar | €850 biex jitranġaw xi xquq u fili fil-madum, liema somma tinkludi l-istukkjar tal-madum u l-għorik | €3,514.68 Qlugħ ta' madum u akkwist ta' madum u installazzjoni fil-kumplament tad-dar |
| c | Tfarfir taż-żebgħa mis-soqfa tax-xorok | €4,026.11 | €1,500 għall-istukkjar u ż-żebgħa mas-soqfa tax-xorok illi farfru | €1,500 għall-istukkjar u ż-żebgħa mas-soqfa tax-xorok illi farfru |
| d | Ħsarat fix-xorok | €8,768.66 | - | €2,360 Xogħol ta' pinning u mili b' epoxy ta' madwar 12-il xorok |

[11] Punt 5.09 tar-relazzjoni.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| e | Ħsarat fil-pajpijiet tal-ilma | €3,349 | - | - |
| f | Kiri ta' *high up* | €157.24 | - | €157.24 |
| | **TOTAL** | **€24,379.69** | **€4,350** | **€10,089.92** |

15. Safejn l-istima li saret mill-periti addizzjonali tirreferi għall-istess tip ta' danni likwidati mill-perit Mario Cassar, l-ammonti huma qrib xulxin.

16. Ir-raġuni għalfejn hemm id-diskrepanza bejn id-danni likwidati mill-periti addizzjonali u dawk likwidati mill-perit Cassar hu minħabba li l-periti addizzjonali illikwidaw:

16.1. Fil-partita (a), il-prezz tat-tqegħid tal-madum tal-kmamar tal-banju u tal-art: Il-valur għal dan ix-xogħol ġie inkluż flimkien mal-ispiża għat-tqegħid tal-madum tal-kċina. Bejn l-ammont likwidat mill-perit Mario Cassar u l-periti addizzjonali hemm differenza ta' €558 li l-Qorti qed tattribwixxi għat-tqegħid tal-madum tal-kmamar tal-banju u l-art;

16.2. Fil-partita (b), il-prezz tal-madum tal-main bathroom, tal-madum tal-madum tal-kamra tal-banju tat-tieni sular, *sanitaryware* taż-żewġ *bathrooms*, madum tat-taraġ: total ta' €2,664.68;

16.3. Fil-partita (d), €2,360 għal xogħol ta' pinning u mili b'epoxy ta' madwar 12-il xorok: Speċifikament f' dan ir-rigward il-periti addizzjonali qalu:

> *'fic-certifikat tal-Perit Aquilina ssemma biss qlugh ta' saqaf tal-konkos ta' fuq il-bejt u tpoggija ta' wiehed gdid. L-atturi jaghmlu referenza ghal bdil ta' soqfa tax-xorok u anki dak tal-konkos rinfurzat. L-esponenti huma tal-fehma li hsarat*

*ikkawzati mill-iskavar setghu affetwaw ix-xorok u soqfa tal-konkos fejn gie irrapportat li ssaddu l-vireg tal-hadid u xpakka l-konkos'; u*

16.4. Fil-partita (f), €157.24 għall-kiri ta' *high up.*

17. Skont il-parti dispożittiva tal-ewwel sentenza id-danni li kellhom jiġu likwidati huma b'referenza għall-ħsara identifikata mill-ewwel perit tekniku fin-nota tas-7 ta' Ottubru 2016. Din il-Qorti hi marbuta b'dik is-sentenza, irrispettivament hijiex ġudikat jew le. Jekk din il-Qorti tiddeċiedi mod ieħor ifisser li ser tmur kontra dak li ddeċidiet fl-ewwel sentenza. Ħaġa li ma tistax tagħmel. Wara dik is-sentenza dak li kellu jsir hu biss il-likwidazzjoni tad-danni għall-ħsara li identifika l-ewwel perit tekniku u xejn iktar.

18. Hawnhekk il-qorti tfakkar li fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 kienet saret mistoqsija jekk il-partijiet jaqblux li l-ewwel tingħata sentenza li twieġeb għal:

> *"1. Jekk il-konvenuti humiex responsabbli għal xi danni;*
> *2. Fl-affermattiv jekk il-konvenuti humiex responsabbli għad-danni kollha li qegħdin jallegaw l-atturi jew limitatament għal dawk li rrefera għalihom il-perit tekniku".*

19. Fis-seduta ta' wara (17 ta' Novembru 2014) il-partijiet iddikjaraw li hemm qbil,[12] u l-ewwel sentenza ddeċidiet proprju dawk il-kwistjonijiet. Wara li ngħatat dik is-sentenza kien fadal biss li ssir il-likwidazzjoni tad-danni. Fatt li kellu jkun magħruf għall-atturi. Madankollu wara r-rapport li ppreżenta l-perit Cassar fejn illikwida d-danni, fin-nota li l-atturi ppreżentaw u talbu n-nomina ta' periti

[12] Fol. 617.

addizzjonali, reġgħu semmew ħsarat li ma kinux kompriżi fil-parti dispożittiva tas-sentenza li ngħatat fis-7 ta' Ottubru 2016.

20. Fiċ-ċirkostanzi din il-qorti ma tistax tinkludi d-danni likwidati mill-periti addizzjonali għall-ħsarat li ma jissemmewx fin-nota tal-perit Cassar tad-19 ta' Diċembru 2013.

21. Dwar dik il-parti tal-partiti (a) u (b) li tirreferi għall-prezz tal-madum taż-żweġ kmamar tal-banju u tat-taraġ, tqegħid tal-istess, u *sanitary ware* għal żewġ kmamar tal-banju, m' hemm l-ebda aċċenn fin-nota tal-perit Mario Cassar tad-19 ta' Diċembru 2013. Huwa jsemmi biss ħsarat fil-madum tal-kċina u xquq fil-fili ta' madum ieħor.

22. Kif jirriżulta mir-risposti tal-periti addizzjonali għad-domandi in eskussjoni li sarulhom mill-atturi, meta għamlu l-aċċess fil-fond tal-atturi x-xogħol ta' tiswija kien tlesta u għalhekk ma kinux f'pożizzjoni li jaraw il-ħsarat li dwarhom ilmentaw l-atturi.

23. Fir-relazzjoni tal-24 ta' Ġunju 2020 il-perit Cassar la jsemmi kmamar tal-banju u lanqas madum tat-taraġ. Meta l-istess perit xehed fis-26 ta' Marzu 2014, mistoqsi speċifikament dwar il-madum taċ-ċeramika fil-kamra tal-banju, wieġeb illi:

> *'Ma niftakarx li l-ħsara lill-madum taċ-ċeramika fil-kamra tal-banju, ix-shower, kitchinette, ara fol. 255, semmejtha jien fir-rapport tiegħi. Fejn ikollok blata u taqsam, is-soluzzjoni m'hijiex li tbiddel il-blata. Trid tagħmel il-kunjardi. Jiena fil-prattika tiegħi ta' perit kemm-il darba rajt postijiet antiki u kemm-il darba rajt*

> *ukoll blat jinqasam. Dan ma jkunx minħabba li sar xi tħaffir. Isir minħabba l-mogħdija ta' żmien.'*[13]

24. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tat-2 ta' Ottubru 2019, l-atturi inkludew dawk l-ispejjeż taħt '*spejjeż żborsati b'konsegwenza tax-xquq fil-fili tal-madum.'*[14] Huwa evidenti li l-parti l-kbira tal-ħsara li inkludew l-atturi taht dak it-titolu m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-fili tal-madum. Hekk per eżempju hu xiri ta' sanitary ware, madum tal-kmamar tal-banju, u xiri ta' madum f'partijiet oħra tad-dar. Dan meta l-perit Cassar ikkonferma li l-fili setgħu jingħalqu permezz ta' sempliċi stukkjar u għorik.

25. Ġialadarba d-danni li jippretendu l-atturi minħabba allegata ħsara fil-madum tal-kmamar tal-banju mhumiex parti mid-danni li kellhom jiġu likwidati skont l-ewwel sentenza, m'għandhomx ikunu inklużi. L-istess jingħad għall-pretensjoni dwar xiri ta' madum f'partijiet oħra tad-dar u tneħħija ta' madum li kien hemm fid-dar.

26. Dwar il-ħsarat fil-madum tat-taraġ fis-somma ta' €180[15], l-invoice relattiva tirreferi għal '*one & half stairs mużajk'.*[16] Fir-relazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2013, il-perit Cassar <u>eskluda</u> li din il-ħsara hija attribwibbli lill-kjamata in kawża:

> *'Fil-fehma tal-esponent ix-xquq fit-taraġ 'tal-mużajk' fuq in-naħa l-oħra tat-Triq ma jistgħux jiġu ndikati bħala riżultat tat-tħaffir. Anke jekk dan il-fatt jiġi*

---

[13] Fol. 537.
[14] Fol. 691.
[15] Ara Dok A mehmuż mar-rapport tal-periti addizzjonali.
[16] Dok. JV6.

*aċċettat bħala ħsara diretta tat-tħaffir, is-soluzzjoni hija waħda relattivament sempliċi u mhux li jinbidel it-taraġ kollu.'*[17]

27. F'dan ir-rigward ukoll is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2016 hi ċara u dik l-allegata ħsara ma kinitx inkluża.

28. Il-periti addizzjonali llikwidaw ukoll €2,360 għal xogħol ta' *pinning* u mili b'epoxy ta' madwar tnax-il xorok. (partita d). Dwar dan, fis-26 ta' Marzu 2014 il-perit Cassar xehed:

> *'Jekk ikun hemm vibrations, jista' jkun illi jinqasmu xi xorok. Fid-deffun jiena ma rajtx ħsara fl-aċċessi għalkemm ma kienx jidher li huwa fi stat ta' manutenzjoni tajba. Fejn għandek xorok, il-ħsara li tista' ssir hu li jinqasam u kull ma trid tagħmel huwa tibdlu. Normalment ix-xorok meta jixxarbu, jinqasmu...'*[18]

29. Fid-9 ta' Lulju 2014, il-perit Cassar xehed ukoll illi:

> *'Il-ħsarat fix-xorok jista' ikun li saru bil-vibrazjonijiet tal-iskavar.'*[19]

30. L-atturi jistrieħu fuq din l-affermazzjoni sabiex jargumentaw li l-ħsarat *da liquidarsi* għandhom jinkludu din il-ħsara. Dik mhijiex ħsara li tissemma fin-nota tal-perit tekniku tad-19 ta' Diċembru 2013, apparti l-fatt li in eskussjoni l-perit qal *'jista jkun'*. Kliem li ma jagħtix lill-qorti s-serħan tal-moħħ li x'aktar hekk ġara. Wieħed irid jiftakar ukoll li dan ma kienx każ fejn l-iżvilupp sar appoġġ mad-dar tal-atturi u l-kuntrattur ma żammx id-distanza legali li tikkontempla l-liġi.

---

[17] Fol. 523.
[18] Fol. 538 – 9.
[19] Fol. 571.

31. L-istess argument japplika wkoll fejn l-atturi jikkontendu li in eskussjoni l-Perit Cassar irrikonoxxa li hemm possibilità li l-ħsarat fil-pajpijiet tal-ilma li kienu diġa '*misjurin'* kif ukoll aċċellerazzjoni tal-ħsarat fis-saqaf tal-proprjetà tagħhom setgħat ġiet ikkawżata mill-iskavar tal-imsejħa fil-kawża. Ħsarat li lanqas il-periti addizzjonali ma deherilhom li kellhom jillikwidaw.

32. L-atturi jippretendu inoltre riżarċiment ta' €157.24 għal diversi permessi ta' *skip, scaffolding, crane* u *high up* maħurġa mill-Kunsill Lokali bejn it-18 ta' Frar 2009 u l-21 ta' Ottubru 2009.[20]

33. Ix-xogħol ta' tqegħid tal-madum tal-kċina sar fil-11 ta' Diċembru 2009. X'aktarx li dak ix-xogħol kien jeħtieġ ukoll permess għal skip sabiex jintrema' l-madum l-antik kif ukoll *high up* ta' darba sabiex jittella' l-madum il-ġdid fil-fond tal-atturi. Ma jirriżultax li kien hemm bżonn li jitqabbad gwardjan lokali għal dak l-iskop. Ix-xogħlijiet l-oħra ta' stukkjar u għorik ta' madum u stukkjar u żebgħa mas-soqfa tax-xorok li farfru ma jirrikjedux permessi fuq barra.

34. Il-qorti ser tillikwida s-somma ta' sittin euro (€60) li jinkludi fih spejjeż ta' skip u permess tal-kunsill lokali. Spejjeż oħra relatati ma' high up u servizz ta' gwardjan lokali mhumiex inklużi peress li l-qorti mhijiex sodisfatta li dawk l-ispejjeż saru għal dak ix-xogħlijiet li dwarhom l-atturi għandhom jedd li jitħallsu l-ispejjeż skont dak li ddeċidiet fl-ewwel sentenza.

---

[20] Ara Dok. JV29.

35. Id-danni sofferti mill-atturi jammontaw għalhekk għas-somma komplessiva ta' erbat elef erba' mija u għaxar euro (€4,410) in kwantu għas-somma ta' €4,350 kif stabbilit mill-perit Mario Cassar b'referenza għad-danni li għandhom jedd jirkupra b'referenza għal ħsarat li sofrew l-atturi skont is-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2016 u €60 kif spjegat hawn fuq.

Għal dawn il-motivi l-Qorti:-

i) Tillikwida d-danni fl-ammont ta' erbat elef erba' mija u għaxar euro (€4,410);

ii) Tikkundanna lill-imsejħa fil-kawża sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' erbat elef erba' mija u għaxar euro (€4,410);

Bl-ispejjeż, apparti dawk deċiżi bis-sentenza tas-7 ta' Ottubru 2016, sal-ammont likwidat mill-qorti a karigu tal-imsejħa fil-kawża filwaqt li spejjeż li jistgħu jkunu jirreferu għal somma in eċċess tad-danni likwidati b'din is-sentenza ikunu a karigu tal-atturi. L-imsejħa fil-kawża għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tar-rapport tal-perit Mario Cassar preżentat fl-24 ta' Ġunju 2020, u l-atturi jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-perizja addizzjonali.

Anthony Ellul

Imħallef.